MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 353/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tony Armando Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tony Armando Zahra talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Novembru 2006 naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. L. Quintano, LL.D. fid-digriet taghha ta' nhar-it 13 ta' April 2006 li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tirrevoka l-beenficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Tony Armando Zahra u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-istess Tony Armando Zahra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Novembru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Tony Armando Zahra hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal xahar prigunerija u ordnat ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Tony Armando Zahra pprezentat fl-14 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-ewwel aggravju ta' l-appellant fis-sens illi l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali huwa inkompatibbli ma' l-artikolu 5(3) u l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u t-talba tieghu sabiex issir riferenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fid-9 ta' Frar 2007 li permezz taghha ddikjarat it-talba ta' l-appellant sabiex issir riferenza kostituzzjonali bhala frivola u vessatorja u ghalhekk cahdet it-talba tieghu sabiex issir tali riferenza;

Rat it-tieni aggravju ta' l-appellant fis-sens illi huwa kien "fil-paraggi tad-dar tieghu" fil-parapett jew l-aktar fuq il-bankina fejn kien qed jghin lil omm uliedu hlli jwassal heaters ghat-tfal stante li marret toqghod ghand ommha;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Jirrizulta illi l-appellant, fi proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), inghata l-helsien mill-arrest fit-3 ta' Mejju 2006 b'certi kundizzjonijet, fosthom: *"Li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mit-8.30 ta' fil-ghaxija u ma johrogx minn hemm gew mhux aktar kmieni mit-8.00 ta' filghodu ta' l-ghada"*. Dawn il-proceduri ttiehdu peress illi gie allegat illi l-appellant instab barra mid-dar

tieghu wara l-hin li fih suppost kellu jirrinkaza. Il-provi f’dar-rigward huma s-segwenti:

**L-Ispettur Pierre Grech** xehed illi fil-5 ta’ Novembru 2006 ghall-habta ta’ l-10.00 p.m., pulizija tad-droga kienu fuq patrol u ghaddew minn hdejn ir-residenza ta’ l-appellant, rawh barra u arrestawh. Zied jghid illi l-pulizija kienu marru biex jesegwixxu mandate ta’ tfittxija. Huwa interroga lill-appellant u esebixxa l-istqarrija bhala Dok. TAZ (a fol.4).

**P.S. Cleon Purshouse** xehed illi fil-5 ta’ Jovembru 2006 ghall-habta ta’ 9.45 p.m., kellhom struzzjonijiet marru b’mandat biex jaghmlu tfittxija fir-residenza ta’ l-appellant. Meta marru sabuh barra hdejn il-karrozza u kien hemm wiehed qed jghabbi xi haga fil-karrozza. Ix-xhud qal li meta mar fuqu staqsieh fejn kien sejjer u qallu biex iwassal lit-tfajla d-dar. Saqsa lit-tfajla tieghu u qaltilhom l-istess haga. Kien hemm guvni u zewgt itfal bilqieghda fuq wara u t-tfajla tieghu fil-passenger seat ta’ quddiem. Ma kienx fil-parapett imma kien fuq il-bankina.

**W.P.C. Andrea Grech** xehdet illi fil-5 ta’ Novembru 2006 ghall-habta tad-9.45 p.m. ghaddew minn Triq Anglu Gatt, Mosta u raw lill-appellant fit-triq fejn il-karrozza tieghu. Fil-karrozza kien hemm zewgt itfal u xi habib taghhom u l-partner ta’ l-appellant fuq quddiem in-naha tal-passiggier. Ix-xhud qalet li semghet lill-partner tieghu tghid li kien ser iwassalha ghand ommha. Qalet li kellhom mandat u ghamlu tfittxija fir-residenza ta’ l-appellant. Meta rawh kien xi zewg passi boghod mill-bankina. Kien qed jitbaxxa gol-karrozza min-naha tax-xufier.

**Fl-istqarrija** tieghu l-appellant jammetti li kien ‘il barra mill-bieb tar-residenza tieghu u kien qed jghin lil siehbu Gianni jnizzel il-heater biex jghabbih fil-karrozza tieghu (ta’ l-appellant) sabiex hu  (Gianni) jwassal lit-tfal ta’ l-appellant u lill-gharusa tieghu ghand ommha fil-Mosta. U dan ghax hu ma jistax johrog. Mistoqsi jekk siehbu rikibx wara mat-tfal, l-appellant wiegeb fl-affermattiv u li kie qieghed wara jghinu jdahhal il-heater. Il-karrozza kienet mal-bankina ezatt bi dritt il-bieb tad-dar tieghu.

**L-appellant** xehed li kien id-dar u mar siehbu ghall-heater u qallu biex jghabbi l-heater mieghu u jwassallu lill-mara u t-tfal id-dar ghand ommha. Qal li l-karrozza tieghu two-seater u siehbu “dahal biex jghinni minn gewwa, konna qed nigbduh hekk, nizzilt is-seat u waqfu l-pulizija.” Kien mal-bieb ezatt [tad-dar].

Din il-Qorti tosserva mill-ewwel li, x’setghet qalet it-tfajla ta’ l-appellant ma ghandu l-ebda valur probatizju peress illi jikkostitwixxi *hearsay*, u din il-persuna ma gietx prodotta bhala xhud. Barra minn hekk, il-presenza ta’ persuna ohra hija kkonfermata minn P.S. 1355 Cleon Purshouse li jghid li kien hemm “wiehed jghabbi xi haga fil-karrozza”. L-uniku fatt li gie assodat huwa illi l-appellant, fil-5 ta’ Novembru 2006 ghall-habta ta’ 9.45 p.m. kien qieghed fuq il-bankina appena barra mid-dar tieghu. Issa l-kundizzjoni in kwistjoni fid-digriet tal-helsien mill-arrest hi cara u trid li l-appellant “jirtira **gewwa** d-dar fejn joqghod” (enfasi ta’ din il-Qorti) mhux izjed tard mit-8.30 p.m. Il-bankina mhijiex parti mid-dar ta’ l-appellant. Mela bil-fatt imsemmi, cioe` li l-appellant kien qieghed fuq il-bankina qieghed idahhal heater fil-karrozza, gie li kiser il-kundizzjoni in kwistjoni. Filwaqt illi din il-Qorti tfakkar lill-appellant illi d-digrieti tal-Qorti, u f’dan il-kaz il-kundizzjonijiet li tahthom gie akkordat il-helsien mill-arrest bid-digriet imsemmi tat-3 ta’ Mejju 2006, ghandhom jigu osservati skrupolozament u *ad litteram*, hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi rizultanti li, biex tissellef kliem il-ligi fil-*proviso* tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, mhumiex ta’ konsegwenza serja, u konsegwentement l-appellant ma jimmeritax piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta’ htija, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ xahar prigunerija u in kwantu rrevokat il-helsien mill-arrest u ordnat l-arrest mill-gdid ta’ l-appellant, u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin lira (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------